# Il-Gvern m’għandux il-valur u s-saħħa morali li jieħu azzjoni biex iħares l-għasafar

## Reazzjoni ta’ BirdLife Malta għall-istqarrija tal-Gvern fuq is-sospensjoni tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa

Il-Gvern la għandu l-valur morali u lanqas is-saħħa morali li jieħu azzjoni biex iħares l-għasafar.

Fl-istqarrija li ħareġ b’risposta għat-talba ta’ BirdLife Malta lill-Prim Ministru biex jissospendi l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa, is-Segretarju Parlamentari għall-Biedja, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali wieġeb li l-prerogattiva biex isiru rakkomandazzjonijiet biex jiġi sospiż jew jiġu emendati l-parametri ta’ kwalunkwe staġun tal-kaċċa hi tal-Kumitat Ornis.

Fi tweġiba għal din id-dikjarazzjoni, il-Kap Eżekuttiv ta’ BirdLife Malta Mark Sultana sostna: “Fl-2014, meta għasafar bħal dawn kienu fil-mira tal-kaċċaturi u nqatlu l-Gvern għamel dak li kien sewwa u ssospenda l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa. (Ara Stqarrija Numru 142095, ippubblikata fl-20 ta’ Settembru 2014: https://www.gov.mt/en/Government/Press%20Releases/Pages/2014/September/20/pr142095.aspx)

X’inbidel minn dakinhar ’l hawn? Probabbli li l-unika ħaġa li nbidlet hija r-rieda tal-Gvern li jagħmel dak li hu sewwa u jipproteġi lill-għasafar milli jinqatlu illegalment. Qed ngħid hekk għax il-liġi tgħid ċar li:

*‘Il-Ministru jista’, b’avviż fil-Gazzetta, jirrivedi l-parametri tal-istaġun tal-kaċċa ta’ sena partikolari fi kwalunkwe ħin fuq il-bażi tal-aħħar parir xjentifiku relevanti dwar l-istat tal-konservazzjoni u ż-żamma tal-popolazzjoni tal-ispeċi tal-għasafar f’livell sodisfaċenti, **jew għal xi raġuni oħra li l-Ministru jidhirlu li hija ta’ gravità biżżejjed.**’* (Sottoregolament (5) ta’ Regolament 19 tar-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Għasafar Selvaġġi: http://justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx?app=lom&itemid=11548&l=2)

Imma issa l-Gvern, permezz tas-Segretarju Parlamentari tiegħu għad-Drittijiet tal-Annimali, qed jgħid li l-qtil ta’ żewġ Ċikonji Suwed, Kuċċarda u sitt għasafar protetti oħra fi tlett ijiem mhux gravi biżżejjed. Dan hu inaċċettabbli. Il-Gvern mhux qed jirrealizza li dawn l-illegalitajiet huma l-aktar illegalitajiet serji li kellna fis-snin riċenti? Aħna ġenwinament u b’mod qawwi nopponu din id-deċiżjoni favur l-i*status quo* u mill-ġdid intennu s-sejħa lill-Prim Ministru biex jieħu din il-materja f’idejh u jagħmel dak li hu sewwa billi jiddikjara immedjatament is-sospensjoni tal-istaġun tal-kaċċa.”

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Nathaniel Attard
BirdLife Malta Communications Manager
Tel: 2134 7645/6 Ext. 512
Cell: 9947 4705
Email: nathaniel.attard@birdlifemalta.org